# Aġenda Territorjali 2030

## Futur għat-territorji kollha



#TerritorialAgenda

A future for all places

Laqgħa informali tal-ministri responsabbli għall-ippjanar spazjali, għall-iżvilupp territorjali u/jew għall-koeżjoni territorjali

1 ta 'Diċembru, 2020, il-Ġermanja

# AĠENDA TERRITORJALI 2030

Futur għat-territorji kollha

## I Preambolu

(1) Aħna, il-Ministri responsabbli għall-ippjanar spazjali, għall-iżvilupp territorjali u/jew għall-koeżjoni territorjali, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea, mal-Parlament Ewropew, mal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, mal-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment u mal-assoċjazzjonijiet Ewropej u nazzjonali rilevanti, għamilna rieżami tal-Aġenda Territorjali mnedija fl-2007 u aġġornata fl-2011. Aħna naqblu dwar l-Aġenda Territorjali 2030.

(2) Inħeġġu lill-kollegi tagħna fil-pajjiżi tal-viċinat biex jieħdu nota tal-Aġenda Territorjali u jingħaqdu magħna biex inwettquha fil-prattika fil-livell Ewropew, tranżnazzjonali, makroreġjonali u transfruntier. Kulħadd huwa mistieden juża l-Aġenda Territorjali fil-pajjiżi tagħhom fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali, u f'kooperazzjoni ma' pajjiżi oħra.

(3) Aħna nħeġġu lil kull min hu involut fl-ippjanar spazjali u fil-politiki tal-iżvilupp territorjali fil-livelli amministrattivi u ta' governanza kollha fl-UE u fil-pajjiżi tal-viċinat biex jimplimentaw l-Aġenda Territorjali. L-Aġenda Territorjali tapplika kullimkien, filwaqt li tiffoka fuq ir-relazzjonijiet reċiproċi u l-benesseri tan-nies.

(4) L-Aġenda Territorjali tibbaża fuq il-konklużjonijiet ta' 'State of theEuropeanTerritoryReport' (2019) tal-ESPON, il-'EuropeanTerritorialReferenceFramework' (2019) tal-ESPON u s-"Seba' Rapport dwar il-Koeżjoni Ekonomika, Soċjali u Territorjali" tal-Kummissjoni Ewropea (2017). Din tqis ukoll rapporti riċenti dwar l-ippjanar spazjali, il-koeżjoni territorjali u l-iżvilupp territorjali, il-Politika ta' Koeżjoni tal-UE u l-partijiet rilevanti tal-politiki settorjali mill-Kummissjoni Ewropea, mill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, u mill-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment.

(5) L-Aġenda Territorjali tqis l-oqfsa u l-aġendi politiċi riċenti inklużi l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti (2015), il-Ftehim ta' Pariġi (2015), l-Aġenda Urbana l-Ġdida tan-Nazzjonijiet Uniti (2016), id-dokument ta' riflessjoni tal-Kummissjoni Ewropea "Lejn Ewropa Sostenibbli sal-2030" (2019), il-proposta għall-Politika ta' Koeżjoni Futura tal-UE 2021-2027 (2018), l-Aġenda Urbana għall-UE (2016), il-Karta l-Ġdida ta' Leipzig (2020), id-Dikjarazzjoni ta' Cork 2.0 dwar Ħajja Aħjar fiż-Żoni Rurali (2016) u l-prinċipji tal-OECD dwar il-Politika Urbana u l-Politika Rurali (2019), kif ukoll il-Patt Ekoloġiku Ewropew, bil-Pjan ta' Investiment għal Ewropa Sostenibbli u l-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta (2020) tiegħu, il-Programm ta' Rkupru tal-Unjoni (2020) u l-konklużjonijiet rilevanti tal-Presidenza Awstrijaka, Rumena, Finlandiża u Kroata tal-Kunsill tal-UE.

(6) L-Aġenda Territorjali tipprovdi qafas orjentat lejn l-azzjoni biex tiġi promossa l-koeżjoni territorjali fl-Ewropa. Il-koeżjoni territorjali hija għan tal-Unjoni Ewropea introdott mit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (l-Artikolu 3 tat-TUE). Dan ifisser il-promozzjoni ta' żvilupp territorjali bbilanċjat u armonjuż bejn il-pajjiżi, ir-reġjuni, l-ibliet u l-muniċipalitajiet u fi ħdanhom, kif ukoll l-iżgurar ta' futur għal-lokalitajiet u n-nies kollha fl-Ewropa, li jibni fuq id-diversità tal-lokalitajiet u s-sussidjarjetà. Dan jippermetti aktar opportunitajiet indaqs, inkluż l-aċċess għas-servizzi pubbliċi għan-nies u għall-intrapriżi, kull fejn jinsabu. Fuq skala urbana, dawn l-aspetti huma indirizzati fil-Karta l-Ġdida ta' Leipzig. Il-koeżjoni territorjali ssaħħaħ is-solidarjetà biex tippromwovi l-konverġenza u tnaqqas l-inugwaljanzi bejn il-lokalitajiet sinjuri u dawk bi prospetti inqas prosperi jew li għadhom lura. Il-koeżjoni territorjali tgħin lill-lokalitajiet kollha jwettqu kif ukoll possibbilment jużaw l-assi tagħhom stess permezz ta' investiment ibbażat fuq il-post. Dan huwa ta' benefiċċju għall-Ewropa kollha u għal kull pajjiż individwali.

(7) L-Aġenda Territorjali tenfasizza l-importanza ta' ppjanar spazjali strateġiku u tipprovdi orjentazzjoni għalih u tappella għat-tisħiħ tad-dimensjoni territorjali ta' politiki settorjali fil-livelli kollha ta' governanza. Hija tfittex li tippromwovi futur inklużiv u sostenibbli għal-lokalitajiet kollha u li tgħin biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fl-Ewropa.

(8) Huwa essenzjali li jiġu limitati l-inugwaljanzi li jfixklu lill-Ewropa, lill-pajjiżi, lill-muniċipalitajiet u lir-reġjuni sabiex isir żvilupp fuq is-suċċess tagħhom. Dan jista' jinkiseb biss billi tingħata aktar attenzjoni lid-diversità tal-lokalitajiet fl-Ewropa, flimkien mal-potenzjal u l-isfidi tal-iżvilupp tagħhom.

(9) Filwaqt li rrevediet l-Aġenda Territorjali, il-pandemija tal-COVID-19 biddlet it-tfassil ta' politika u l-prospettivi tal-iżvilupp fil-futur. Peress li l-implikazzjonijiet u r-risponsi tal-politika jvarjaw bejn it-territorji minħabba kundizzjonijiet differenti, il-pandemija turi li t-territorji huma importanti u huma interdipendenti ħafna. Il-koeżjoni territorjali għandu jkollha rwol importanti fil-proċess ta' rkupru. Il-politiki tal-iżvilupp territorjali u l-kooperazzjoni dwar objettivi konġunti huma essenzjali biex tiżdied ir-reżiljenza tal-muniċipalitajiet, tar-reġjuni u tal-pajjiżi, filwaqt li jissaħħu wkoll il-proċessi ta' rkupru tagħhom.

(10) F'konformità mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (l-Artikoli 174, 175 u 349 tat-TFUE), il-politiki u l-azzjonijiet kollha tal-Unjoni għandhom jikkontribwixxu għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. Il-ħidma lejn koeżjoni territorjali sostenibbli u l-limitazzjoni tal-inugwaljanzi bejn in-nies u l-lokalitajiet jeħtieġu sforzi konġunti. Għal dan, il-politiki settorjali, l-awtoritajiet muniċipali, reġjonali, nazzjonali, tal-UE u oħrajn, kif ukoll diversi gruppi tas-soċjetà jenħtieġ li jingħaqdu flimkien. Dawn iridu jikkooperaw biex jibbilanċjaw l-inklussività, is-sostenibbiltà, il-kompetittività u r-reżiljenza permezz ta' żvilupp territorjali integrat, innovattiv u parteċipattiv.

(11) Il-gvernijiet reġjonali u lokali jistgħu jiġu bżonn appoġġ estern biex jiżguraw żvilupp inklużiv u sostenibbli. Tali appoġġ jista' jkun taħt il-Politika ta' Koeżjoni tal-UE u l-Politika tal-Iżvilupp Rurali fi ħdan il-Politika Agrikola Komuni, b'objettivi u investimenti fir-reġjuni kollha. Dan huwa ta' rilevanza partikolari għal territorji b'perspettivi futuri inqas prosperi, dawk li għadhom lura u territorji li jbatu minn żvantaġġi naturali jew demografiċi gravi u permanenti.

(12) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew bil-Pjan ta' Investiment għal Ewropa Sostenibbli tiegħu u l-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta, kif ukoll il-politiki settorjali tal-UE relatati u l-ħidma fuq viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali, joffru l-opportunità li jiġu promossi sinerġiji bejn l-Aġenda Territorjali u strateġiji u politiki globali tal-UE. Il-Patt Ekoloġiku jorbot l-objettivi ekoloġiċi u tat-Tranżizzjoni Ġusta, peress li

jimmira li jiġġieled l-effetti tat-tranżizzjoni tal-enerġija mifruxa b'mod żbilanċjat, inaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-impatt tat-tibdil fil-klima u sfidi ambjentali oħra. Dan għandu l-għan li jbiddel l-isfidi klimatiċi u ambjentali f'opportunitajiet għal-lokalitajiet kollha u li jagħmel it-tranżizzjoni ġusta u inklużiva għal kulħadd. B'hekk, il-Patt Ekoloġiku Ewropew joffri l-opportunità li jiġu promossi sinerġiji bejn l-Aġenda Territorjali u l-istrateġiji u l-politiki globali tal-UE. Dan huwa konformi mal-idea ta' koeżjoni territorjali u l-approċċ ibbażat fuq il-post, li jibni fuq il-potenzjal divers tal-lokalitajiet kollha u jtejjeb il-bilanċ territorjali ġenerali fl-Ewropa.

(13) Qed nappellaw lil dawk involuti fl-iżvilupp territorjali u fl-ippjanar spazjali strateġiku fil-livelli kollha biex jaċċettaw il-prijoritajiet tal-Aġenda Territorjali. Nappellaw ukoll lil dawk responsabbli għat-tfassil u għall-implimentazzjoni tal-politiki settorjali – fil-livelli kollha ta' governanza – biex iqisu dawn il-prijoritajiet. Il-koerenza bejn il-politiki kollha tal-UE, nazzjonali u subnazzjonali hija importanti għall-koeżjoni territorjali. Il-biċċa l-kbira tal-politiki għandhom impatti territorjali sinifikanti u jinfluwenzaw l-opportunitajiet ta' żvilupp territorjali b'modi differenti. Politiki kkoordinati u bbażati fuq il-post jistgħu jżidu b'mod sinifikanti l-koerenza u l-effettività tal-politiki u jnaqqsu l-effetti negattivi ta' politiki kunfliġġenti.

(14) Qed nappellaw lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u lill-awtoritajiet tal-Istati Membri, tar-reġjuni, taż-żoni metropolitani, tal-ibliet kbar u żgħar, tal-muniċipalitajiet, taż-żoni rurali u ta' lokalitajiet oħra biex jikkontribwixxu għal futur inklużiv u sostenibbli għal-lokalitajiet u għall-persuni kollha. Lokalitajiet b'potenzjal jew bi sfidi komuni jistgħu jikkollaboraw fis-sejba ta' soluzzjonijiet komuni. Lokalitajiet b'potenzjal kumplimentari jistgħu jesploraw il-vantaġġi komparattivi tagħhom flimkien biex joħolqu potenzjal ta' żvilupp addizzjonali. Aħna għandna niffaċilitaw il-kapaċità tagħhom li jiżviluppaw risponsi ta' politika aktar effettivi permezz ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib.

(15) L-approċċ ibbażat fuq il-post għat-tfassil tal-politika jikkontribwixxi għall-koeżjoni territorjali. Huwa bbażat fuq koordinazzjoni orizzontali u vertikali, tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza u żvilupp territorjali integrat. Jindirizza livelli differenti ta' governanza (l-approċċ ta' governanza f'diversi livelli) li

jikkontribwixxu għas-sussidjarjetà. Jiżgura l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bl-involviment taċ-ċittadini, tas-soċjetà ċivili, tan-negozji, tal-istituzzjonijiet ta' riċerka u dawk xjentifiċi u taċ-ċentri tal-għarfien. Fl-aħħar mill-aħħar għandu l-għan li jisfrutta potenzjal territorjali uniku relatat mal-kapital territorjali, l-għarfien u l-assi bbażati fuq il-post, filwaqt li jirrikonoxxi l-ħtieġa għal soluzzjonijiet imfassla apposta f'tipi differenti ta' territorji. L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġiji Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali b'approċċ ibbażat fuq il-post se jikkontribwixxu għal żvilupp u kompetittività fit-tul għal-lokalitajiet.

(16) L-Aġenda Territorjali u l-Karta l-Ġdida ta' Leipzig jikkondividu bejniethom l-approċċ ibbażat fuq il-post, il-koordinazzjoni tal-politika u oqfsa effettivi ta' politika fuq diversi livelli bħala prinċipji komuni. L-Aġenda Territorjali tappoġġa dawn bħala prinċipji globali għal-lokalitajiet u l-politiki settorjali kollha. Il-Karta l-Ġdida ta' Leipzig tipprovdi gwida għall-applikazzjoni tagħhom fl-ibliet, fiż-żoni urbani, fir-reġjuni funzjonali tagħhom u fiż-żoni periurbani. Għalhekk aħna nappoġġaw kooperazzjoni msaħħa bejn u madwar il-livelli spazjali, inklużi sħubijiet urbani-rurali.

(17) Kif stabbilit fil-Karta l-Ġdida ta' Leipzig, il-prinċipji ta' governanza urbana tajba u kwalità ta' disinn jiżguraw lokalitajiet attraenti, inklużivi, durabbli u adattabbli li jgħinu biex isiru aktar pjaċevoli u attraenti għan-nies biex jaħdmu, jgħixu u jgawdu. Meta jitqies l-iżvilupp fl-ibliet, fl-irħula u fil-villaġġi tagħna, huwa essenzjali li l-awtoritajiet pubbliċi jippjanaw b'mod proattiv disinn ta' kwalità għoli u inklużiv.

(18) Aħna nappellaw lill-komunitajiet u lis-soċjetà ċivili madwar l-Ewropa biex jgħinu jegħlbu d-differenzi li dejjem qed jikbru fl-iżvilupp ta' bejn in-nies u bejn il-lokalitajiet. Huwa essenzjali li jinħolqu rabtiet bejn persuni b'introjti, bi sfond edukattiv, b'kulturi, bi tradizzjonijiet u b'reliġjonijiet differenti biex l-Ewropa tinżamm magħquda. Aħna għandna niffaċilitaw il-kooperazzjoni u nżidu s-solidarjetà bejn is-soċjetà ċivili biex titnaqqas is-segregazzjoni u biex tiġi promossa l-inklużjoni soċjali kif ukoll billi d-diversità tintuża bħala vantaġġ għall-benesseri ta' kulħadd.

(19) Il-potenzjal tad-diversità tal-lokalitajiet fl-Ewropa mhuwiex użat biżżejjed. It-tfassil ta' politika bbażat fuq il-post jista' jgħin biex jiġi rilaxxat potenzjal mhux

sfruttat. Sforzi konġunti fil-politiki settorjali, fil-livelli ta' governanza, fil-lokalitajiet u l-gruppi tas-soċjetà huma essenzjali għal Ewropa inklużiva u sostenibbli li toffri prospetti futuri għan-nies u l-lokalitajiet kollha, tipproteġi l-għajxien komuni u tifforma t-tranżizzjonijiet.

# II Għalfejn jenħtieġ li naġixxu

(20) Studji riċenti, inkluż mill-ESPON, mill-Kummissjoni Ewropea, mill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, mill-Bank Ewropew tal-Investiment, mill-Bank Dinji u minn atturi internazzjonali, nazzjonali u reġjonali oħra, jenfasizzaw li l-Ewropa qed tiffaċċja sfidi ekonomiċi, soċjali u ambjentali kbar iżda għandha wkoll potenzjal kbir li ttejjeb il-kundizzjonijiet tal-għajxien fil-lokalitajiet kollha u għan-nies kollha. Dan jenħtieġ rispons politiku b'dimensjoni territorjali u approċċi kkoordinati b'saħħithom li jirrikonoxxu u li jużaw id-diversità u l-ispeċifiċitajiet tal-lokalitajiet.

(21) L-Ewropa għandha ħafna tipi differenti ta' lokalitajiet, bħal reġjuni kapitali, żoni metropolitani, bliet żgħar u ta' daqs medju, żoni periurbani, żoni rurali, periferiji interni, żoni periferali, żoni tat-Tramuntana, żoni skarsament popolati, gżejjer, żoni kostali, żoni muntanjużi, reġjuni ultraperiferiċi, reġjuni transfruntieri, makroreġjuni, żoni bi tnaqqis demografiku u żoni fi trasformazzjoni ekonomika u tranżizzjoni industrijali. Dawn għandhom potenzjal u sfidi ta' żvilupp differenti ħafna. Fil-livelli kollha, minn dak sublokali sa dak pan-Ewropew, hemm inugwaljanzi ekonomiċi u soċjali dejjem qed jiżdiedu bejn il-lokalitajiet u bejn in-nies flimkien ma' riskji u pressjonijiet ambjentali. Dawn huma xprunati minn ekonomiji ta' skala, aċċess żbilanċjat għas-swieq u għax-xogħol kwalifikat, kif ukoll inugwaljanzi fil-kwalità tal-governanza u tas-servizzi pubbliċi. Barra minn hekk, ir-rabtiet u l-flussi bejn il-lokalitajiet, speċjalment tul il-kurituri, jaffettwaw il-possibbiltajiet li jinkiseb potenzjal jew li jiġu indirizzati l-isfidi.

## Il-kwalità tal-gvern u tal-governanza

(22) Il-kwalità tal-gvern u tal-proċessi ta' governanza hija prinċipju trażversali importanti għall-iżvilupp lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropew. Hija importanti għall-benesseri tas-soċjetà u hija prerekwiżit għal tkabbir sostenibbli fit-tul fl-istandards tal-għajxien, fl-investimenti, fil-fiduċja soċjali u fil-leġittimità politika. L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġiji u ta' investimenti integrati bbażati fuq

il-post jenħtieġu kooperazzjoni bejn il-politiki settorjali kif ukoll bejn il-livelli tal-gvern u tal-governanza, filwaqt li jinvolvu wkoll lill-komunitajiet lokali. Il-bini kontinwu tal-kapaċitajiet fil-livelli kollha huwa partikolarment importanti biex tissaħħaħ l-implimentazzjoni parteċipattiva tal-istrateġiji.

(23) Kif enfasizzat fis-Seba' Rapport ta' Koeżjoni, il-kwalità tal-gvern u tal-governanza fil-livelli kollha tvarja madwar l-Ewropa. L-akbar differenzi huma bejn il-pajjiżi, b'varjazzjonijiet anki fil-pajjiżi stess. Il-kwalità dgħajfa tal-gvern u tal-governanza tirriskja li tnaqqas l-utilità marġinali u r-redditi mill-investimenti fl-infrastruttura, fil-kapital uman u fit-teknoloġija fit-territorju.

## In-nies u l-lokalitajiet qed jinqatgħu minn xulxin

### Żieda fl-iżbilanċi u fl-inugwaljanzi

(24) Il-ġeografija soċjali u ekonomika tal-Ewropa li qed tinbidel hija akkumpanjata minn żieda fl-inugwaljanzi, u dan qed ibiegħed lin-nies u lil-lokalitajiet minn xulxin. Xi gruppi u komunitajiet tas-soċjetà għandhom il-perċezzjoni li l-objettivi u l-prospetti Ewropej u nazzjonali ma jindirizzawx it-tħassib u l-prospetti tagħhom. Dan huwa espress fid-dibattitu dwar il-"ġeografija tal-iskuntentizza". Tabilħaqq, it-twessigħ tal-inugwaljanzi soċjali u ekonomiċi fl-Ewropa għandu dimensjoni spazjali bħas-segregazzjoni fl-ibliet, fiż-żoni rurali jew fir-reġjuni, fi ħdan ir-reġjuni jew il-pajjiżi u fl-Ewropa. Iż-żieda fl-inugwaljanzi u fid-disparitajiet twassal għal diversità konsiderevoli għal perspettivi futuri. L-Aġenda Territorjali tenfasizza dawn l-isfidi u ġġibhom għall-attenzjoni ta' dawk li jfasslu l-politika.

(25) Hija meħtieġa azzjoni fl-oqsma li ġejjin:

(26) **Il-kwalità tal-ħajja:** L-objettiv sottostanti tal-politiki pubbliċi kollha għandu jkun li jittejbu l-benesseri u l-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini. Dawn imorru lil hinn mill-prestazzjoni ekonomika, l-istandards tal-għajxien u aspetti purament materjali biex jinkludu aċċess għal servizzi pubbliċi ta' kwalità, il-libertà tal-moviment u arkitettura u ambjenti mibnija tajbin għas-saħħa, reżiljenti u ta' kwalità għolja. Dawn għandhom ukoll dimensjoni territorjali li tvarja minn disparitajiet bejn il-viċinati bħall-esklużjoni soċjali u l-faqar urban, għal disparitajiet bejn reġjuni u pajjiżi.

(27) **Is-servizzi ta' interess ġenerali:** L-aċċessibbiltà, il-prossimità, l-affordabbiltà u l-kwalità tas-servizzi pubbliċi huma importanti għall-kwalità tal-ħajja u l-iżvilupp tan-negozji. Il-ħtiġijiet għal kosteffettività akbar u għal ġestjoni pubblika effiċjenti jistgħu jwasslu għall-irtirar jew għar-raggruppament ta' servizzi f'ċerti lokalitajiet. Fl-istess ħin, l-aspettattivi tad-disponibbiltà u tal-kwalità qed jiżdiedu. Id-differenzi fl-aċċess għal servizzi ta' interess ġenerali jirriskjaw li, fuq perjodu ta' żmien medju sa twil, iwasslu lill-fornituri tas-servizzi, lill-intrapriżi u lill-attivitajiet soċjali biex jirrilokaw f'żoni b'aċċess aħjar. Teknoloġiji ġodda għas-servizzi online jistgħu jnaqqsu s-sensittività ta' żoni periferali għal tali pressjonijiet ta' rilokazzjoni. Fl-istess ħin, hemm sfidi dejjem akbar fl-aċċess għal abitazzjoni affordabbli f'ċerti żoni, speċjalment fejn l-akkomodazzjoni temporanja u s-servizzi tat-turiżmu jnaqqsu b'mod sinifikanti l-istokk ta' abitazzjonijiet, u dan jikkontribwixxi għall-problema ta' persuni mingħajr dar, il-ġentrifikazzjoni u l-esklużjoni soċjali.

(28) **L-iżbilanċi demografiċi u soċjetali:** It-tixjiħ, il-migrazzjoni domestika u intra-Ewropea, inkluża d-depopolazzjoni, joħolqu sfidi għas-sistemi ta' protezzjoni soċjali tal-Ewropa u għall-iżvilupp lokali u reġjonali. Dawn id-dinamiċi demografiċi għandhom implikazzjonijiet soċjali serji inkluż żieda fl-esklużjoni soċjali u fl-inugwaljanzi, kif ukoll sfidi għall-forniment tas-servizz pubbliku, għas-swieq tax-xogħol u għall-abitazzjoni. It-tixjiħ u l-migrazzjoni jindikaw konċentrazzjoni ulterjuri f'żoni urbani flimkien mad-depopolazzjoni f'żoni rurali u periferali. Dan jikkonċerna b'mod speċjali ż-żoni remoti li ma jkollhomx aċċess għas-servizzi pubbliċi u għal opportunitajiet ekonomiċi u soċjali. Il-flussi ta' migrazzjoni ekstra-Ewropej, inkluża l-emigrazzjoni 'l barra ta' żgħażagħ u ta' persuni b'talent u l-immigrazzjoni tar-refuġjati, jistgħu jaggravaw dawn l-isfidi.

(29) **Id-diġitalizzazzjoni u r-raba' rivoluzzjoni industrijali:** Id-diġitalizzazzjoni u t-teknoloġiji fixkiela se jsawru l-iżvilupp ekonomiku u soċjetali fl-Ewropa. Ir-raba' rivoluzzjoni industrijali se twassal għal fużjonijiet ta' teknoloġiji u l-linji bejn is-sistemi fiżiċi, diġitali u bijoloġiċi se jsiru inqas ċari, u b'hekk is-suq tax-xogħol se jinbidel b'mod sinifikanti. Il-konċentrazzjoni ekonomika u s-soluzzjonijiet tekniċi ġodda mnedija b'mod rapidu madwar id-dinja qed joħolqu dejjem aktar ekonomiji li fihom "ir-rebbieħ ikaxkar kollox". Dan jagħti rilevanza addizzjonali għar-reġjuni u għall-agglomerazzjonijiet urbani fit-tranżizzjoni ekonomika. L-

awtoritajiet pubbliċi u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet jeħtieġ li jinnovaw u jinvolvu ruħhom b'mod kostanti fi djalogi mal-partijiet ikkonċernati biex iħejju għat-tranżizzjonijiet u jfasslu l-politiki b'mod effettiv. Dan jenħtieġ ukoll li jitqiesu l-protezzjoni tad-*data* u d-drittijiet tal-privatezza, il-gvern diġitalizzat u t-trasformazzjoni diġitali Ewropea. Id-differenzi fl-edukazzjoni, fil-ħiliet diġitali u fl-aċċess għall-broadband huma fattur ewlieni fiż-żieda tal-inugwaljanzi territorjali. L-anzjani u l-persuni li jgħixu f'żoni rurali remoti (eż. f'żoni muntanjużi jew fuq gżejjer) spiss ikunu f'riskju li jiġu esklużi mill-proċessi ta' trasformazzjoni diġitali.

(30) **Ix-xogħol u l-iżvilupp ekonomiku:** L-ekonomiji lokali u reġjonali fl-Ewropa huma interkonnessi u interdipendenti ħafna permezz ta' ktajjen ta' valuri kumplessi. Il-prospetti ekonomiċi u tax-xogħol huma affettwati minn kundizzjonijiet ta' żvilupp lokali lil hinn mill-influwenza ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej. Xi lokalitajiet għandhom it-tendenza li jkollhom prestazzjoni ekonomika u opportunitajiet ta' xogħol aħjar, eż. minħabba livelli ogħla ta' kompetittività, kapaċità finanzjarja u ta' investiment, kundizzjonijiet attraenti għall-investimenti, klima kummerċjali favorevoli, infrastrutturi reġjonali żviluppati, sistemi ta' innovazzjoni reġjonali effettivi, livelli ogħla ta' riċerka, attivitajiet ta' żvilupp u innovazzjoni, aċċess għal edukazzjoni tajba, forza tax-xogħol b'ħiliet, kif ukoll ambjenti intraprenditorjali u naturali tajbin. Dan isaħħaħ il-pożizzjoni relattiva ta' lokalitajiet sinjuri u jkompli jipperpetwa l-inugwaljanzi u l-iżbilanċi. Aspett importanti ieħor huwa t-tkabbir urban u l-iżvilupp poliċentriku.

(31) **L-interdipendenzi bejn il-lokalitajiet:** Filwaqt li xi lokalitajiet fl-Ewropa qegħdin jinqatgħu minn xulxin, hemm ukoll xi interdipendenzi li dejjem qed jikbru bejniethom. Dawn l-esternalitajiet pożittivi u negattivi jfissru li l-iżviluppi f'lokalità waħda jaffettwaw il-potenzjal f'lokalità oħra, u għalhekk il-bidliet f'parti waħda tal-Ewropa jistgħu jaffettwaw partijiet oħra tal-kontinent. Dawn l-interdipendenzi huma l-aktar viżibbli fil-konċentrazzjoni ta' ekonomiji u ż-żieda fl-inugwaljanzi bejn iż-żoni li qed jiffjorixxu (ta' spiss metropolitani) u ż-żoni li sejrin lura (ta' spiss rurali). Dan huwa viżibbli fid-diviżjoni persistenti fil-qalba tal-periferiji fl-Ewropa u fil-livell nazzjonali. Il-fruntieri interni u speċjalment dawk esterni tal-UE għandhom inugwaljanzi u differenzi fis-sistemi legali, soċjali u politiċi li jaffettwaw l-iżvilupp lokali u reġjonali. L-ostakli għall-integrazzjoni bejn il-

lokalitajiet jistgħu jirriżultaw f'riżorsi umani, kulturali, ekonomiċi u ekoloġiċi mhux utilizzati biżżejjed fir-reġjuni tal-fruntieri, li jaggravaw il-pożizzjoni periferali u l-esklużjoni soċjali tagħhom.

(32) **L-integrazzjoni globali:** L-Ewropa hija minsuġa ħafna fl-ekonomija globali. L-iżvilupp lokali u reġjonali fl-Ewropa huwa affettwat minn strateġiji globali kif ukoll minn żviluppi ġeopolitiċi u soċjoekonomiċi lil hinn mill-influwenza ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet lokali u reġjonali, inkluża d-dinamika fl-Ewroasja u fil-Mediterran. Ħafna ċittadini u intrapriżi Ewropej jipparteċipaw f'networks soċjali u ekonomiċi madwar id-dinja. Konsegwentement, l-iżvilupp fir-reġjuni Ewropej, fiż-żoni metropolitani u fl-ibliet huwa marbut ma' lokalitajiet oħra u mal-flussi ta' prodotti, servizzi, investimenti, nies u ideat madwar id-dinja. Fil-qosor, l-iżviluppi eżoġeni jinfluwenzaw il-perspettivi ta' żvilupp għal-lokalitajiet fl-Ewropa. La l-potenzjal u lanqas il-vulnerabbiltajiet marbuta mal-iżviluppi globali ma huma mqassma b'mod ugwali madwar l-Ewropa. Barra minn hekk, il-pandemija tal-COVID-19 kixfet il-fraġilità tal-ktajjen tal-provvista globali u n-nuqqas ta' reżiljenza f'diversi setturi u territorji ekonomiċi.

## L-iżvilupp sostenibbli u t-tibdil fil-klima

### Żieda fil-pressjonijiet fuq l-ambjent

(33) L-isfidi globali tal-iżvilupp sostenibbli huma rilevanti ħafna għall-iżvilupp lokali u reġjonali u għall-kundizzjonijiet tal-għajxien fl-Ewropa. Dan jikkonċerna b'mod speċjali t-tibdil fil-klima, id-degradazzjoni ambjentali u t-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima. L-urġenza dejjem tikber biex jiġu indirizzati t-tibdil fil-klima, ir-reżiljenza u tranżizzjoni lejn żvilupp aktar sostenibbli hija enfasizzata f'dibattiti politiċi u soċjetali kif enfasizzat mill-"Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli" tan-Nazzjonijiet Uniti. Dan it-tħassib huwa msarraf b'mod strateġiku f'aġenda tal-UE permezz tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u r-rapporti tal-pajjiżi tas-Semestru Ewropew. It-tranżizzjoni lejn l-iżvilupp sostenibbli għandha potenzjal u sfidi differenti għaż-żoni rurali, għall-bliet u għar-reġjuni diversi.

(34) Hija meħtieġa azzjoni fl-oqsma li ġejjin:

(35) **It-tibdil fil-klima:** L-impatti tat-tibdil fil-klima jvarjaw b'mod konsiderevoli fir-reġjuni ġeografiċi Ewropej bi gradi differenti ta' vulnerabbiltà. Iż-żieda fir-riskji taż-żieda fil-livell tal-baħar, il-mewġiet ta' sħana, in-nirien fil-foresti, in-nixfiet, id-deżertifikazzjoni, degradazzjoni oħra tal-art u tal-ħamrija, l-għargħar u perikli naturali u naturali mħallta u tekniċi oħra jitolbu risponsi ibbażati fuq il-post, kooperazzjoni u politiki kkoordinati. Azzjonijiet ta' mitigazzjoni u adattament għat-tibdil fil-klima jistgħu saħansitra jġibu opportunitajiet ġodda ta' żvilupp għal-lokalitajiet. Dan jista' jikkonċerna l-agrikoltura, il-bijoekonomija, l-ekonomiji ekoloġiċi, blu u ċirkolari, u l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli. L-impatti tat-tibdil fil-klima kif ukoll l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni u ta' adattament jiddependu fuq il-kuntest territorjali u jeħtieġu rispons imfassal apposta fil-livelli kollha.

(36) **It-telf tal-bijodiversità u l-konsum tal-art:** It-telf rapidu tal-bijodiversità kkawżat mill-bniedem joħloq riskji serji għall-ekosistemi u għall-kundizzjonijiet tal-għajxien fit-tul. Dan jaffettwa l-għajxien, il-kwalità tal-ħajja u l-ekonomiji lokali. Iż-żieda fit-teħid u fl-użu tal-art u tal-kosta, l-issiġillar tal-ħamrija u l-espansjoni urbana jnaqqsu l-ispazji miftuħa, il-bijodiversità u l-ħamrija fertili, filwaqt li jikkontribwixxu wkoll għall-gżejjer ta' sħana urbana li għandhom impatt fuq il-funzjonament tal-ekosistemi. Fl-istess ħin, siti abbandunati, mitluqa u mhux użati biżżejjed joffru potenzjal għal bidliet fl-użu-tal-art.

(37) **Il-kwalità tal-arja, tal-ħamrija u tal-ilma:** Dan huwa essenzjali għall-benesseri tal-bniedem. It-tniġġis tal-arja, l-istorbju, il-ħamrija kkontaminata u l-korpi tal-ilma tal-wiċċ u tal-art imniġġsa jikkawżaw problemi serji ta' saħħa li jistgħu jikkorrelatawmal-inugwaljanza soċjali. Hemm inugwaljanzi fl-aċċess għall-arja nadifa, l-ilma u l-ħamrija mhux biss bejn il-pajjiżi u r-reġjuni iżda wkoll bejn żoni urbani u rurali, kif ukoll fl-ibliet kbar u żgħar, u ż-żoni metropolitani.

(38) **Enerġija sikura, affordabbli u sostenibbli:** Iċ-ċittadini u l-intrapriżi Ewropej jenħtieġu aċċess għal provvisti tal-enerġija sostenibbli, sikuri u affordabbli. Dan huwa importanti għall-iżvilupp lokali u reġjonali. Importazzjonijiet sinifikanti minn pajjiżi terzi vulnerabbli għal instabbiltà ekonomika jew politika jżidu l-problemi għas-sigurtà tal-enerġija. Il-prezzijiet volatili tal-enerġija u ż-żieda fl-emissjonijiet jenfasizzaw il-ħtieġa għal soluzzjonijiet sostenibbli u reżiljenti bħall-enerġija

rinnovabbli, attivitajiet ekonomiċi aktar ekoloġiċi u dekarbonizzati u miżuri oħra li jżidu l-effiċjenza tal-enerġija u jnaqqsu l-konsum tal-enerġija. Infrastruttura tal-enerġija insuffiċjenti u d-dipendenza fuq networks eżistenti jitolbu produzzjoni u provvista tal-enerġija diversifikata, kif ukoll żvilupp u integrazzjoni tas-suq tal-enerġija.

(39) **Tranżizzjoni ġusta:** Il-kisba ta' ekonomija b'newtralità klimatika sal-2050 tirrikjedi azzjonijiet ta' dekarbonizzazzjoni madwar l-Ewropa kollha. L-ispejjeż ekonomiċi, ambjentali u soċjali ta' din it-tranżizzjoni huma partikolarment għoljin għat-territorji u l-popolazzjonijiet li jiddependu l-aktar fuq il-fjuwils fossili u l-industriji li jarmu gassijiet serra sinifikanti. L-objettiv ta' tranżizzjoni ġusta huwa li jiġi żgurat li l-progress lejn ekonomija b'newtralità klimatika jseħħ b'mod ġust, ma jħalli lil ħadd u 'l ebda post jibqa' lura, u jipprovdi kwalità ta' ħajja għolja għal kulħadd. Hemm bżonn ta' investimenti għat-territorji affettwati b'mod negattiv mill-proċess ta' tranżizzjoni billi r-reġjuni u n-nies jitħallew jindirizzaw l-impatti soċjali, ekonomiċi u ambjentali tat-tranżizzjoni lejn ekonomija b'newtralità klimatika sal-2050.

(40) **Il-ktajjen tal-valur ċirkolari:** L-ekonomija ċirkolari hija objettiv importanti għal ekonomija b'newtralità karbonika/klimatika. L-ekonomija ċirkolari għandha l-għan li tagħlaq iċ-ċirkwiti tal-materjal u tal-enerġija permezz ta' disinn fit-tul, il-manutenzjoni, it-tiswija, l-użu mill-ġdid, il-manifattura mill-ġdid, ir-rinnovazzjoni u r-riċiklaġġ. Il-proċessi ta' simbjożi industrijali fil-ktajjen tal-valur reġjonali huma importanti. It-tranżizzjoni tal-ekonomiji tal-Ewropa lejn mudell ċirkolari u b'newtralità karbonika/klimatika bbażat fuq il-post għandha dimensjoni territorjali u tista' ssaħħaħ ir-reġjuni funzjonali. Il-prosperità ekonomika fil-lokalitajiet tiddependi fuq il-kompetittività u fuq il-kreattività tal-intrapriżi u n-negozji ġodda tagħhom kif ukoll fuq l-assi, il-karatteristiċi u t-tradizzjonijiet lokali, il-kapital kulturali, soċjali u uman u l-kapaċitajiet ta' innovazzjoni. B'mod ġenerali, iż-żoni urbani jinsabu f'pożizzjoni aħjar biex ilaħħqu max-xejriet relatati minn żoni skarsament popolati u periferali interni li spiss ma jkollhomx massa kritika. Madankollu, l-ibliet kbar u żgħar kif ukoll il-lokalitajiet b'livelli għoljin ta' nies tas-sengħa jistgħu jibbenefikaw minn ekonomija ċirkolari f'termini ta' tiswija, użu mill-ġdid u attivitajiet ta' kondiviżjoni fil-livell lokali u reġjonali.

(41) **In-natura, il-pajsaġġ u l-wirt kulturali:** Il-wirt naturali u kulturali huwa assi ta' żvilupp lokali u reġjonali li joffri opportunitajiet uniċi għall-iżvilupp u ambjenti tal-għajxien ta' kwalità għolja. L-użu sostenibbli u effettiv tar-riżorsi għandu jkun ta' benefiċċju għall-komunitajiet lokali u għandu jippromwovi opportunitajiet kummerċjali lokali. Madankollu, l-isfruttament żejjed ta' dawn l-assi jista' jhedded ekonomija lokali jew reġjonali. L-urbanizzazzjoni, l-agrikoltura u s-sajd intensivi, il-produzzjoni tal-enerġija, il-minjieri, l-attivitajiet industrijali, it-trasport u żviluppi infrastrutturali oħra, b'mod partikolari meta ma jkunux ikkoordinati, jistgħu jikkawżaw problemi serji. Sfruttament akbar u mhux ikkoordinat tal-ispazju marittimu u tar-riżorsi tal-baħar jista' jkollu impatt fuq l-iżvilupp sostenibbli, filwaqt li l-bidliet fl-użu tal-art u tal-baħar, l-urbanizzazzjoni u t-turiżmu tal-massa jheddu l-assi kulturali u l-pajsaġġi u jistgħu jifframmentaw il-ħabitats naturali u l-kurituri ekoloġiċi.

## Ħtieġa għal azzjoni

(42) Fl-Ewropa, l-inugwaljanzi dejjem jikbru bejn il-lokalitajiet u bejn in-nies kif ukoll l-iżviluppi mhux sostenibbli laħqu livell kritiku. Hija meħtieġa azzjoni miftiehma akbar fil-livelli ġeografiċi u ta' governanza kollha biex jiġu żgurati perspettivi futuri pożittivi għan-nies, għall-komunitajiet u għal-lokalitajiet kollha fl-Ewropa. Wasal iż-żmien li nifhmu aħjar u li nindirizzaw b'mod adegwat l-impatti territorjali tal-politiki settorjali. Aħna nfittxu li nikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli u li nżommu lill-Ewropa magħquda billi nwettqu l-prijoritajiet territorjali li ġejjin għall-Ewropa.

# III Prijoritajiet territorjali għall-Ewropa

(43) L-iżgurar ta' futur sostenibbli għal-lokalitajiet u għall-persuni kollha fl-Ewropa jenħtieġ azzjonijiet ibbażati fuq:

- fehim komuni li l-ħtiġijiet u l-impatti tal-iżvilupp ta' żviluppi futuri jvarjaw bejn il-lokalitajiet fl-Ewropa; tali fehim jista' jiżdied permezz ta' skambji ta' għarfien u esperjenzi miksuba minn soluzzjonijiet speċifiċi u mill-iskemi ta' appoġġ relatati tagħhom; u
- l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn il-lokalitajiet, il-livelli tal-gvernijiet, is-setturi tal-politika u l-gruppi tas-soċjetà biex jiġu indirizzati kwistjonijiet kumplessi u jiġi utilizzat potenzjal varjat, inkluż permezz tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE, il-Politika ta' Żvilupp Rurali, l-Interreg, jew għodod oħra li jsaħħu l-iżvilupp territorjali jew lokali integrat.

(44) Għalhekk, aħna niddefinixxu żewġ objettivi ġenerali, Ewropa Ġusta u Ewropa Ekoloġika, li għandhom sitt prijoritajiet għall-iżvilupp tat-territorju Ewropew kollu, flimkien mal-lokalitajiet kollha tiegħu:

## EWROPA ĠUSTA

li toffri perspettivi futuri għal-lokalitajietkollha u għal kulħadd

(45) Il-prijoritajiet għal Ewropa Ġusta jenfasizzaw id-dimensjoni territorjali u l-kontribuzzjonijiet tal-ippjanar spazjali għall-prijoritajiet tal-politika globali. Dawn il-prijoritajiet jinkludu l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, Ewropa eqreb taċ-ċittadini, żvilupp aktar inklużiv, sostenibbli u integrat tal-lokalitajiet, Tranżizzjoni Ġusta u integrazzjoni territorjali fl-Ewropa.

## EWROPA BBILANĊJATA

### Żvilupp territorjali aktar ibbilanċjat bl-użu tad-diversità tal-Ewropa

(46) Id-diversità territorjali tal-Ewropa toffri potenzjal konsiderevoli ta' żvilupp. Din tista' tikkontribwixxi għal żvilupp territorjali aktar ibbilanċjat, għall-ġlieda kontra l-konċentrazzjoni eċċessiva, għat-tisħiħ taċ-ċentri sekondarji tat-tkabbir u għat-tnaqqis fl-inugwaljanzi bejn in-nies u bejn il-lokalitajiet. Il-kooperazzjoni f'networks poliċentriċi ta' bliet, żoni metropolitani u reġjuni tikkontribwixxi għat-tixrid tal-potenzjal ta' żvilupp bl-aħjar mod. Għalhekk, se nieħdu azzjoni biex inħeġġu lill-viċinati, lill-komunitajiet, lill-muniċipalitajiet, lill-kontej, lir-reġjuni u lill-Istati Membri jikkooperaw fuq ir-risponsi għall-isfidi globali tas-soċjetà u jtejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol, tal-għajxien u tan-negozju fil-lokalitajiet kollha kif ukoll isaħħu l-prosperità soċjo-ekonomika, il-kapaċità tal-innovazzjoni, il-pożizzjonijiet fil-ktajjen tal-valur globali u l-kompetittività globali madwar l-Ewropa.

(47) Il-polarizzazzjoni bejn il-qalba tal-Ewropa u l-periferija tagħha, l-ibliet kapitali tagħha, iż-żoni metropolitani, l-ibliet kbar u żgħar, iż-żoni rurali u ż-żoni bi speċifiċitajiet ġeografiċi u demografiċi ddgħajjef l-iżvilupp territorjali bbilanċjat. L-ibliet żgħar u ta' daqs medju b'mod speċjali għandhom potenzjal li mhuwiex sfruttat biżżejjed biex itaffu l-polarizzazzjoni. Dawn għandhom rwol kruċjali fl-iżvilupp ekonomiku reġjonali u fil-benesseri soċjali, b'mod partikolari bl-aċċessibbiltà nazzjonali u internazzjonali u bl-aċċess adegwat għas-servizzi fil-livell lokali u reġjonali. In-networks poliċentriċi jistgħu jikkontribwixxu wkoll għal trasport aktar sostenibbli. Aħna nistiednu lil dawk li jfasslu l-politika mil-livelli kollha biex jippromwovu mudelli poliċentriki ta' żvilupp li joffru rwol għal-lokalitajiet kollha.

(48) L-Ewropa għandha territorji differenti, bħal żoni kostali, gżejjer, żoni muntanjużi, periferiji interni, pjanuri, widien tax-xmajjar u baċiri tal-lagi. Dawn it-territorji kollha għandhom sfidi u potenzjal ta' żvilupp uniċi, għalkemm id-distanza u l-karatteristiċi distinti tar-reġjuni ultraperiferiċi jfissru li jiffaċċjaw sfidi partikolari ta' żvilupp. Se nieħdu azzjoni biex inħeġġu lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-livelli kollha ta' governanza biex jisfruttaw il-potenzjal uniku tat-territorji b'ġeografiji speċifiċi u biex jindirizzaw b'mod adegwat il-limitazzjonijiet ta' dawn iż-żoni permezz ta' approċċi integrati u kooperattivi.

## REĠJUNI FUNZJONALI

### Żvilupp lokali u reġjonali konverġenti, it-tnaqqis tal-inugwaljanza bejn il-lokalitajiet

(49) L-ibliet kbar u żgħar ta’ kull daqs huma l-ixprunaturi tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali u huma lokalitajiet attraenti fejn wieħed jgħix, jaħdem, iżur u jinvesti. Il-kooperazzjoni u n-networking fl-ibliet żgħar u kbaru bejniethom u ż-żoni ta’ madwarhom fl-istess reġjun funzjonali joħolqu perspettivi ta’ żvilupp għal-lokalitajiet kollha filwaqt li titqies il-ħtieġa li jiġu promossi rabtiet urbani-rurali. Dawn ir-reġjuni funzjonali spiss ma jaqblux mad-delineazzjonijiet amministrattivi eżistenti. Dawn ivarjaw skont il-karattru funzjonali u l-interkonnessjoni, huma dinamiċi ħafna u jistgħu jinbidlu maż-żmien. Dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-ibliet li qed iħarsu lil hinn mill-fruntieri amministrattivi tagħhom biex jikkooperaw maż-żoni ta’ madwarhom jistgħu jgħinu biex il-lokalitajiet tagħhom iservu bħala xprunaturi għat-tkabbir intrareġjonali. Dan huwa għall-benefiċċju, aktar milli għad-detriment, tal-komunitajiet ta’ madwarhom u taż-żoni rurali tagħhom. Flimkien, l-ibliet, l-irħula u ż-żoni ta’ madwarhom jistgħu jiżguraw ambjent ta’ għajxien b’saħħtu u affordabbli, filwaqt li tiġi evitata l-espansjoni urbana ulterjuri u jitnaqqas it-teħid tal-art. Aħna se nfittxu d-djalogu ma’ dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-ibliet kbar u żgħar ta’ kull daqs biex japplikaw approċċ integrat ta’ governanza f’diversi livelli. Dan ifisser li jiġu involuti persuni minn livelli differenti tal-governanza, b’mod partikolari dawk lokali u reġjonali, kif ukoll setturi tal-politika u gruppi soċjetali differenti.

(50) L-Ewropa għandha diversi żoni urbani, periurbani, rurali, periferali u skarsament popolati. Uħud minn dawn isofru minn segregazzjoni jew jiffaċċjaw depopolazzjoni serja. L-iżvilupp tagħhom huwa relatat mill-qrib ma’ lokalitajiet oħra, f' dak kollu li għandu x jaqsam ma’ karatteristiċi u ma’ relazzjonijiet lokali uniċi. Huwa relatat ukoll mal-aċċessibbiltà u l-aċċess għas-servizzi pubbliċi, mal-opportunitajiet edukattivi u mal-konnessjonijiet tal-internet, mal-attivitajiet ekonomiċi diversifikati u mal-intraprenditorija kif ukoll mal-funzjonijiet ekoloġiċi u mas-servizzi tal-ekosistema tagħhom. Fuq skala urbana, dawn l-aspetti huma indirizzati fil-Karta l-Ġdida ta’ Leipzig. Aħna se nikkomunikaw ma’ dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet lokali u reġjonali biex insaħħu l-kooperazzjoni fuq strateġiji fit-tul

ibbażati fuq il-post għal dawn l-oqsma u nindirizzaw rabtiet funzjonali sostenibbli bejn iż-żoni tal-viċinat, inkluż permezz ta' ppjanar spazjali u strumenti tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE, il-Politika ta' Żvilupp Rurali u l-politiki tal-UE bħall-investimenti territorjali integrati (ITI), l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità (CLLD - LEADER) jew kwalunkwe għodda oħra li ssaħħaħ l-iżvilupp territorjali jew lokali integrat. Dawn jaf jeżistu diġà fit-territorju.

## Integrazzjoni lil hinn mill-Fruntieri

### Għajxien u xogħol aktar faċli bejn il-fruntieri nazzjonali

(51) Il-kooperazzjoni territorjali u marittima bejn il-lokalitajiet f'pajjiżi differenti tgħin biex isir użu aħjar mill-potenzjal tal-iżvilupp u jiġu indirizzati sfidi komuni. L-għaqda tal-forzi lil hinn mill-fruntieri, inklużi l-programmi u l-proġetti tal-Interreg, tista' toħloq massa kritika għall-iżvilupp u tippromwovi sinerġiji filwaqt li tnaqqas il-frammentazzjoni ekonomika, soċjali u ambjentali u esternalitajiet negattivi. Dan jinkludi ekosistemi, wirt naturali u kulturali, swieq tax-xogħol, forniment ta' servizz pubbliku u networks tal-ibliet diviżi minn fruntieri interni, esterni, tal-art jew marittimi. Se nieħdu azzjoni biex ninkorporaw kooperazzjoni transfruntiera, tranżnazzjonali u interreġjonali stabbli fi strateġiji ta' żvilupp makroreġjonali, nazzjonali, reġjonali u lokali. Eżempji ta' approċċi stabbli li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn l-oqsma amministrattivi lil hinn minn proġetti uniċi jinkludu l-kooperazzjoni strateġika tal-Interreg, l-Inizjattiva dwar il-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni mill-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (Inizjattivi tal-EIT KKI), il-pjattaformi tal-Istrateġija ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti (S3), il-Konsorzji tal-Katina ta' Valur Strateġika tal-UE, il-kooperazzjoni Orizzont Ewropa, ir-Raggruppamenti Ewropej ta' Kooperazzjoni Territorjali (REKT), il-programmi tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE ġenerali, l-istrateġiji makroreġjonali, il-kooperazzjoni intermetropolitana, il-governanza tar-reġjuni funzjonali, l-ippjanar transfruntier u ftehimiet transfruntieri legali. Aħna nappoġġaw ukoll l-iżvilupp ta' dokumenti strateġiċi ġodda, fejn meħtieġ, u l-promozzjoni tal-kożvilupp, li jinvolvu liċ-ċittadini madwar il-fruntieri.

(52) Għad hemm ħafna ostakli legali u amministrattivi għall-approfondiment tal-kooperazzjoni lil hinn mill-fruntieri. Aħna se nintensifikaw id-djalogu ma' dawk li jfasslu l-politika fil-livelli kollha ta' governanza biex nikkoordinaw il-politiki

settorjali nazzjonali bejn il-pajjiżi u biex jitnaqqsu l-ostakli eżistenti għall-kooperazzjoni.

## Ewropa Ekoloġika

### li tipproteġi l-għajxien komuni u li tifforma t-tranżizzjoni tas-soċjetà

(53) Il-prijoritajiet ta' Ewropa Ekoloġika jenfasizzaw id-dimensjoni territorjali u l-kontribuzzjonijiet tal-ippjanar spazjali għall-prijoritajiet politiċi ġenerali bħall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, il-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Ftehim ta' Pariġi, l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030, il-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Pajsaġġ u l-Istrateġija tal-UE għall-Foresti. Prijoritajiet rilevanti oħra jikkonċernaw lill-Ewropa lesta għall-era diġitali, il-mobilità sostenibbli u network Ewropew tat-trasport kompletament integrat, it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari fl-Ewropa u l-applikazzjoni ta' approċċ ibbażat fuq l-ekosistema.

## Ambjent b'Saħħtu

### Għajxien ekoloġiku aħjar, bliet u reġjuni b'newtralità klimatika u reżiljenti

(54) L-ekosistemi, inklużi l-ekosistemi agrikoli, tal-foresti, tal-bwar, tal-ilma ħelu u tal-baħar, huma fundamentali għall-eżistenza tal-bniedem u huma importanti għall-iżvilupp sostenibbli fit-tul. Hija responsabbiltà konġunta li jiġi żgurat li dawn ikunu aċċessibbli b'mod sostenibbli għall-pubbliku ġenerali, jiffunzjonaw tajjeb, ikunu reżiljenti, imtejba, f'kundizzjonijiet tajbin għas-saħħa u li jiġġeneraw introjtu għall-popolazzjonijiet u n-negozji lokali. Dan jgħin biex jittaffa t-tibdil fil-klima, jiġi miġġieled it-telf tal-bijodiversità, jiġi żgurat il-forniment ta' servizzi tal-ekosistemi u titqajjem kuxjenza pubblika dwar dan kollu ta' hawn fuq. Il-ġestjoni integrata hija partikolarment importanti, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet ġeografiċi differenti. Aħna nappoġġaw l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura kif ukoll networks ta' infrastruttura ekoloġiċi u blu li jgħaqqdu l-ekosistemi u ż-żoni protetti fl-ippjanar spazjali, il-ġestjoni tal-art u politiki oħra, u l-iżvilupp ta' għodod ġodda għall-ġestjoni tal-kriżi biex jiżdiedu s-sikurezza u r-reżiljenza tal-lokalitajiet.

(55) It-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità jirriskjaw li jnaqqsu l-għajxien. Il-ġestjoni tar-riskju u tad-diżastri kif ukoll il-miżuri ta' prevenzjoni huma importanti għall-bini ta' komunitajiet reżiljenti. Aħna se nirrispettaw il-limiti naturali tal-għajxien komuni tal-Ewropa u se nżidu r-reżiljenza tal-lokalitajiet kollha affettwati mit-tibdil fil-klima. Dan jista' jsir billi jiġu żviluppati strateġiji lokali u reġjonali għal bliet u reġjuni b'newtralità klimatika. Azzjonijiet possibbli ta' mitigazzjoni u ta' adattament jinkludu l-promozzjoni ta' użu sostenibbli tal-art, spazji miftuħa u żoni ekoloġiċi pubbliċi, ir-restawr ta' art u ta' żoni kostali ddeterjorati, il-ġlieda kontra d-deforestazzjoni u l-preservazzjoni tal-oċeani u tal-korpi tal-ilma. Azzjonijiet oħra jistgħu jinvolvu l-prevenzjoni tal-espansjoni urbana u tal-gżejjer ta' sħana urbana, l-implimentazzjoni ta' infrastruttura ekoloġika, it-titjib tal-kwalità tal-arja, l-iżgurar tal-ebda teħid nett tal-art sal-2050, it-tisħiħ tal-provvediment tas-servizzi tal-ekosistema u t-titjib fl-integrazzjoni tal-ippjanar spazjali terrestri u marittimu.

(56) Il-wirt naturali u kulturali tal-Ewropa huwa assi uniku u varjat li għandu jiġi protett, ġestit u żviluppat aktar. Jenħtieġ li ż-żoni rikki fil-wirt naturali u kulturali jew pajsaġġi uniċi jagħmlu l-aħjar użu minn dawn l-assi u mill-potenzjal mhux sfruttat tagħhom. Jenħtieġ li jibbilanċjaw il-konservazzjoni tan-natura, l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali u l-iżvilupp ekonomiku, inkluż billi joħolqu impjiegi li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent, irawmu t-tkabbir u l-benesseri tal-komunità, jew jaħdmu ma' imprendituri soċjali innovattivi. Aħna se nikkonċentraw fuq it-tisħiħ tal-għarfien u l-għoti tas-setgħa lill-komunitajiet lokali u reġjonali biex jipproteġu, jirriabilitaw, jużaw u jużaw mill-ġdid l-ambjenti (mibnija), il-pajsaġġi, l-assi kulturali materjali u immaterjali tagħhom u valuri uniċi oħra permezz ta' strumenti tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE, il-Politika ta' Żvilupp Rurali, l-ippjanar spazjali jew kwalunkwe għodda oħra li ssaħħaħ l-iżvilupp territorjali jew lokali integrat fost oħrajn. Dawn diġà jistgħu jkunu preżenti b'mod effettiv fit-territorju.

## Ekonomija Ċirkolari

### Ekonomiji lokali b'saħħithom u sostenibbli f'dinja globalizzata

(57) Iċ-ċirkolarità tfisser il-ġestjoni tal-flussi tal-materjal, tal-ilma u tal-enerġija. Din tinkludi l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta' prodotti inklużi binjiet, materjali tal-bini u

ilma mormi abbażi tal-valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja u r-rinnovazzjoni tal-enerġija għall-bini. It-tranżizzjoni tal-ekonomiji tal-Ewropa lejn ekonomija ċirkolari u b'newtralità karbonika/klimatika bbażata fuq il-post tiddependi fuq il-kompetittività u fuq l-assi tal-atturi lokali u reġjonali. F'ekonomija globalizzata, dan jenħtieġ il-bini ta' proċessi ta' simbjożi industrijali li jlaqqgħu flimkien il-kompetittività globali u l-assi lokali. Aħna nappoġġaw it-tranżizzjoni tal-Ewropa lejn ekonomija ċirkolari u l-iżvilupp ta' proċessi ta' simbjożi industrijali bbażati fuq il-post, filwaqt li nqisu wkoll il-ħtieġa għal użu sostenibbli tal-ħamrija u tal-art.

(58) Sabiex l-assi territorjali multidimensjonali tal-Ewropa jintużaw aħjar għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, aħna nappoġġaw l-iżvilupp ta' strateġiji tal-ekonomija ċirkolari lokali u reġjonali li jgħaqqdu l-ekonomiji lokali u globali. Dawn l-istrateġiji għandhom jibnu fuq l-assi lokali u fuq il-kapaċità għall-innovazzjoni filwaqt li jikkombinaw ukoll proċessi ta' tranżizzjoni tal-enerġija u ekonomika għal ekonomija ċirkolari bbażata fuq il-post. L-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti u l-politiki Ewropej tar-riċerka u l-innovazzjoni, bħal Orizzont Ewropa jew l-Inizjattiva ta' Programmar Konġunt għal Ewropa Urbana, jista' jkollhom rwol importanti fit-tranżizzjoni tal-ekonomija ċirkolari.

(59) Il-prodotti lokali, is-swieq, l-ambjenti tan-negozju, it-taħriġ, l-intraprenditorija, iż-żieda fl-awto-suffiċjenza u komunitajiet b'saħħithom huma importanti għall-ħolqien ta' ekonomiji lokali reżiljenti u benefiċċji għall-ambjent. Ekonomiji lokali diversifikati jgħinu biex titnaqqas il-vulnerabbiltà għall-forzi esterni filwaqt li jassistu l-proċessi ta' tranżizzjoni tal-enerġija u ekonomika. Aħna nħeġġu t-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' innovazzjoni fir-reġjuni kollha, inklużi strateġiji lokali għat-tranżizzjoni tal-enerġija u miżuri fis-setturi tal-bini, tat-trasport u tal-bijoekonomija.

## Konnessjonijiet Sostenibbli

### Konnettività diġitali u fiżika sostenibbli tal-lokalitajiet

(60) Il-konnessjonijiet fiżiċi u diġitali huma importanti għas-soċjetajiet u għall-ekonomiji Ewropej u joħolqu sfidi ambjentali kbar. Għalhekk, huma meħtieġa

forom intelliġenti, sostenibbli u sikuri ta’ trasport u konnettività, speċjalment biex jiġu appoġġati l-prijoritajiet ta’ Ewropa bbilanċjata u reġjuni funzjonali.

(61) It-tranżizzjoni lejn soċjetà diġitali sostenibbli tista’ tappoġġa żviluppi deċentralizzati u sostenibbli. L-inklużjoni elettronika fejn in-nies, l-intrapriżi u l-lokalitajiet jibbenefikaw mid-diġitalizzazzjoni, tiddependi fuq aċċess ġust u affordabbli għal internet ta’ kwalità għolja, konnessjonijiet tal-mobiles tal-ġenerazzjoni li jmiss u ħiliet diġitali – filwaqt li jitqiesu kwistjonijiet ta’ sostenibbiltà u saħħa. Dan jikkonċerna b’mod partikolari l-aċċess għall-governanza elettronika u għas-servizzi elettroniċi ta’ interess ġenerali li jaffettwaw il-kwalità tal-ħajja u l-kompetittività tal-lokalitajiet. Aħna se nistiednu lill-partijiet ikkonċernati biex jidħlu fi djalogu dwar il-ħtieġa għal aċċess adegwat għal networks ta’ komunikazzjoni fissi u mobbli b’veloċità għolja fil-lokalitajiet kollha, u l-ħtieġa għal infrastruttura diġitali b’impronta tal-karbonju baxxa u b’impatt baxx fuq is-saħħa tal-bniedem. Dan jista’ jgħin biex jiġu żgurati kundizzjonijiet adegwati tal-għajxien u tan-negozju madwar l-Ewropa.

(62) L-aċċess għat-trasport intermodali tal-merkanzija u tal-passiġġieri huwa importanti għal-lokalitajiet kollha fl-Ewropa. Soluzzjonijiet tat-trasport effiċjenti u li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent huma dejjem aktar importanti biex jintlaħqu l-objettivi rigward il-klima, it-tniġġis tal-arja, l-istorbju, l-aċċessibbiltà u l-konnettività tar-reġjuni kollha fl-Ewropa. Dan jinkludi mezzi tat-trasport individwali, kif ukoll trasport ikkombinat. Se nkomplu ntejbu r-rabtiet bejn l-ippjanar reġjonali u l-iżvilupp tan-Networks Trans--Ewropej (TEN), speċjalment tul il-kurituri tan-network ewlieni. Il-konnessjoni tal-lokalitajiet kollha b’nodi ewlenin tat-trasport isostnu l-konnessjonijiet kummerċjali internazzjonali u l-opportunitajiet ta’ żvilupp lokali. Il-Politika ta’ Koeżjoni tal-UE u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa huma importanti biex jinkiseb dan.

(63) Networks tat-trasport sekondarji u lokali affidabbli li jikkollegaw ma’ networks tranżnazzjonali u ċentri urbani huma essenzjali għall-kwalità tal-ħajja u għall-opportunitajiet ta’ negozju. Dan jikkonċerna b’mod speċjali l-ibliet żgħar, iż-żoni rurali, periferali u skarsament popolati, il-gżejjer, iż-żoni muntanjużi u r-reġjuni ultraperiferiċi. Aħna nistiednu lil korpi responsabbli għat-trasport u għall-ġestjoni tat-territorju biex jesploraw mudelli progressivi u li huma soċjalment u

ambjentalment ġodda għall-mobbiltà lokali u reġjonali bħala servizz u biex jikkooperaw dwar l-aċċessibbiltà multimodali u ambjentali aktar favorevoli taċ-ċentri urbani u fi ħdanhom. L-istrumenti tal-Politika ta’ Koeżjoni tal-UE, il-pjanijiet ta’ mobilità urbana sostenibbli jew kwalunkwe għodda oħra li ssaħħaħ l-iżvilupp territorjali jew lokali integrat huma importanti għal dan u jistgħu jkunu diġà preżenti b’mod effettiv fit-territorju.

# IV Nittrasformaw il-prijoritajiet f'azzjoni

(64) Il-prijoritajiet spjegati fl-Aġenda Territorjali 2030 jeħtieġ li l-ewwel jiġu appoġġati b'azzjonijiet minn atturi impenjati. Permezz ta' dan biss jistgħu jiġu indirizzati b'mod xieraq il-prijoritajiet u t-tħassib tal-Aġenda Territorjali dwar l-inugwaljanzi spazjali u t-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-karbonju/klima. Meqjusin flimkien, l-azzjonijiet għandhom issaħħu

- il-governanza f'diversi livelli;
- l-approċċi bbażati fuq il-post;
- l-impatti territorjali kkoordinati tal-politika settorjali u l-koerenza;
- il-kooperazzjoni bejn it-territorji;
- il-koeżjoni territorjali fil-livell Ewropew;
- il-koeżjoni territorjali fil-livell tranfruntier, tranżnazzjonali, interreġjonali u intrareġjonali; u
- il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri u tal-pajjiżi tal-viċinat għall-koeżjoni territorjali.

(65) Il-punti ta' hawn fuq huma marbuta mill-qrib mal-prinċipji ta' governanza urbana tajba deskritti fil-Karta l-Ġdida ta' Leipzig. Dawn jiffurmaw politika urbana għall-ġid komuni, approċċ integrat, parteċipazzjoni u kokreazzjoni, governanza f'diversi livelli u approċċ ibbażat fuq il-post.

## Appell lill-atturi ewlenin

(66) L-applikazzjoni tal-Aġenda Territorjali tiddependi fuq kooperazzjoni informali f'diversi livelli bejn l-Istati Membri, l-awtoritajiet subnazzjonali, il-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-Bank Ewropew tal-Investiment u atturi rilevanti oħra. L-applikazzjoni tal-Aġenda Territorjali tibbenefika minn kooperazzjoni ma' dawk responsabbli għall-Aġenda Urbana, mill-Karta l-Ġdida ta' Leipzig, mill-

Politika ta' Koeżjoni u ta' Żvilupp Rurali tal-UE, mill-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Rkupru tal-UE u mill-istrateġiji makroreġjonali u tal-baċiri tal-baħar tal-UE.

(67) **Il-kooperazzjoni intergovernattiva tal-Istati Membri** se ssaħħaħ il-kooperazzjoni dwar il-prijoritajiet tal-Aġenda Territorjali fil-livell Ewropew mal-Kummissjoni Ewropea, mal-Parlament Ewropew, mal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u mal-Bank Ewropew tal-Investiment. Kull sentejn, l-Istati Membri se jiddiskutu l-progress fl-applikazzjoni tal-Aġenda Territorjali, speċjalment inizjattivi u azzjonijiet, f'laqgħa tan-Network tal-Punti ta' Kuntatt tal-Koeżjoni Territorjali (NTCCP). Is-sejbiet dwar dan il-progress se jiġu diskussi fil-laqgħat tad-Diretturi Ġenerali dwar il-Koeżjoni Territorjali (DGTC). Sabiex jissaħħaħ id-djalogu dwar l-interazzjoni bejn l-iżvilupp territorjali u l-politiki settorjali, il-laqgħat tad-DGTC jistgħu jinkludu sessjoni konġunta ma' rappreżentanti ta' setturi ta' politika rilevanti fit-territorju.

(68) **L-Istati Membri individwalment** se jippromwovu l-prijoritajiet tal-Aġenda Territorjali u se jinvolvu atturi rilevanti fil-politiki settorjali kollha u fil-livelli kollha tal-gvern. Dan jinkludi l-promozzjoni tal-Aġenda Territorjali fil-proċessi ta' ppjanar strateġiku, spazjali u territorjali nazzjonali, fil-Ftehimiet ta' Sħubija u fil-programmi għall-Politika ta' Koeżjoni tal-UE, fil-pjanijiet nazzjonali ta' rkupru u f'fondi oħra tal-UE, filwaqt li jenfasizzaw l-importanza tal-prinċipju tas-sussidjarjetà biex tiġi ddefinita n-natura tat-territorji u biex jiġu żgurati interventi mmirati u appoġġ f'kull Stat Membru. Dan jinkludi l-komunikazzjoni tal-Aġenda Territorjali u l-ħidma lejn il-koeżjoni territorjali fil-livell nazzjonali flimkien mal-ministeri tas-settur, l-awtoritajiet subnazzjonali u s-soċjetà ċivili.

(69) **L-awtoritajiet u l-korpi subnazzjonali**, inklużi dawk fil-livell lokali u reġjonali u l-assoċjazzjonijiet nazzjonali tagħhom, huma mistiedna japplikaw l-Aġenda Territorjali u jieħdu passi biex jinvolvu lill-atturi rilevanti. Dan jinkludi l-kunsiderazzjoni tal-prijoritajiet tal-Aġenda Territorjali fl-ippjanar spazjali tagħhom u l-istrateġiji u l-politiki ġenerali tal-iżvilupp, kif ukoll it-teħid ta' ispirazzjoni minn azzjonijiet pilota u l-offerta tal-proposti tagħhom stess għal azzjonijiet pilota ġodda. B'mod partikolari huma mħeġġin jikkooperaw ma' territorji u ma' lokalitajiet tal-viċinat li jiffaċċjaw potenzjal jew sfidi simili jew kumplimentari, u mal-atturi involuti. Barra minn hekk, l-awtoritajiet subnazzjonali huma mistiedna

jieħdu rwol attiv fid-dibattiti reġjonali, nazzjonali u Ewropej dwar l-applikazzjoni tal-Aġenda Territorjali.

(70) **Il-Kummissjoni Ewropea** hija mistiedna tikkontribwixxi għall-prijoritajiet tal-Aġenda Territorjali u tkompli ssaħħaħ l-isforzi tagħha biex tippromwovi l-koeżjoni territorjali fl-Ewropa, id-dimensjoni territorjali fil-politiki tal-UE, u tikkoordina l-politiki settorjali. Dan jista' jinkludi t-tisħiħ tad-dimensjoni territorjali fis-Semestru Ewropew u l-Valutazzjonijiet tal-Impatt bl-użu ta' għodod disponibbli għall-valutazzjoni tal-impatti territorjali u involviment aktar b'saħħtu tal-partijiet ikkonċernati, kif ukoll il-promozzjoni ulterjuri – skont il-Politika ta' Koeżjoni tal-UE u politiki rilevanti oħra tal-UE – żvilupp territorjali integrat, l-użu ta' għodod u strumenti rilevanti, il-kooperazzjoni territorjali, u s-segwitu u t-teħid ta' ispirazzjoni minn azzjonijiet pilota.

(71) **Il-Parlament Ewropew** huwa mistieden jieħu nota tal-Aġenda Territorjali u jqis il-prijoritajiet tiegħu fil-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (REGI) u f'kumitati u intergruppi oħra li għandhom dimensjoni territorjali. Dan jista' jinkludi l-promozzjoni tal-prijoritajiet tal-Aġenda Territorjali fil-proċessi leġiżlattivi tal-UE.

(72) **Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni** bħala l-korp konsultattiv tal-Unjoni Ewropea li jirrappreżenta b'mod formali r-reġjuni u l-muniċipalitajiet fil-livell tal-UE, huwa mistieden jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni u l-iżvilupp ulterjuri tal-Aġenda Territorjali. Għal dan il-għan, il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni huwa mistieden jinforma lill-membri tiegħu dwar l-Aġenda Territorjali u l-progress fl-implimentazzjoni. Huwa mistieden ukoll iħeġġeġ lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-Ewropa biex japplikaw l-Aġenda Territorjali, jikkooperaw ma' territorji u lokalitjiet tal-viċinat, jitgħallmu minn azzjonijiet pilota u joffru l-proposti tagħhom stess għal azzjonijiet pilota ġodda. Barra dan, il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni mistieden ukoll jippromwovi l-objettivi tal-Aġenda Territorjali fil-livell Ewropew permezz tal-ħidma konsultattiva tiegħu, l-adozzjoni u l-iżvilupp ulterjuri ta' għodod u strumenti territorjali bħall-valutazzjonijiet tal-impatt territorjali, ir-Raggruppamenti Ewropej ta' Kooperazzjoni Territorjali (REKT), u l-iżvilupp territorjali integrat skont il-Politika ta' Koeżjoni tal-UE.

(73) **Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew** huwa mitlub jinforma lill-membri tiegħu dwar il-prijoritajiet tal-Aġenda Territorjali u jħeġġiġhom jikkooperaw fl-

implimentazzjoni tal-Aġenda Territorjali. Dan jinkludi l-enfasi tal-importanza tas-sħab tas-soċjetà ċivili biex jiġi żgurat futur sostenibbli għal-lokalitajiet kollha u t-tisħiħ tas-CLLD u kwalunkwe għodda oħra li tiffaċilita l-iżvilupp territorjali integrat u l-kooperazzjoni. Barra minn hekk, huma mitluba jippromwovu l-prijoritajiet tal-Aġenda Territorjali f'dibattiti ta' orjentazzjoni fil-livell Ewropew.

(74) **Il-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment** huwa mitlub jirrifletti l-prijoritajiet u l-azzjonijiet tal-Aġenda Territorjali kif xieraq fl-approċċ tiegħu ta' self, finanzjament imħallat u s-servizzi ta' konsultazzjoni, filwaqt li jqis il-ħtieġa li jiġu appoġġati strateġiji ta' żvilupp territorjali sostenibbli mingħajr ma jipperikola d-dixxiplina finanzjarja tiegħu. Peress li l-Grupp tal-BEI jista' jkollu rwol importanti fil-finanzjament ta' investimenti sostenibbli ta' kull daqs f'oqsma koperti mill-Aġenda Territorjali, huwa mistieden jikkontribwixxi għal azzjonijiet pilota, b'mod partikolari biex jappoġġa l-iżvilupp ta' approċċi ta' finanzjament aħjar fil-kuntest territorjali li jikkomplementaw il-Kummissjoni Ewropea. Dan jista' jinkludi l-appoġġ ta' investimenti sensittivi għall-post permezz tas-self, il-finanzjament imħallat u konsultazzjonijiet lill-Istati Membri u lill-atturi ewlenin dwar it-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' proġetti territorjali kif ukoll l-użu ta' strumenti finanzjarji.

(75) **L-assoċjazzjonijiet Ewropej u nazzjonali** li jindirizzaw l-iżvilupp spazjali u/jew li jirrappreżentaw lill-gvernijiet lokali u reġjonali huma mistiedna jinformaw lill-membri tagħhom dwar il-prijoritajiet tal-Aġenda Territorjali u jħeġġuhom japplikaw l-Aġenda, jikkooperaw mat-territorji u l-lokalitajiet tal-viċinat, jitgħallmu minn azzjonijiet pilota u joffru l-proposti tagħhom stess għal azzjonijiet pilota ġodda. Barra minn hekk, huma mħeġġin jippromwovu l-objettivi tal-Aġenda Territorjali f'dibattiti ta' orjentazzjoni fil-livell tranżnazzjonali u fil-livell Ewropew.

## Implimentazzjoni permezz ta' azzjonijiet dedikati

(76) Azzjonijiet li jpoġġu l-Aġenda Territorjali fil-prattika jistgħu jittieħdu fi kwalunkwe livell ta' governanza u jistgħu jvarjaw fil-karattru u l-fokus. Kull attur ewlieni huwa mitlub jimplimenta l-Aġenda Territorjali fil-kuntest tal-mandat regolari

tiegħu. Imbagħad biss jistgħu jiġu indirizzati b'mod xieraq l-inugwaljanzi spazjali u t-trasformazzjoni soċjetali lejn ekonomija b'newtralità karbonika/klimatika.

(77) Biex jispiraw azzjonijiet konġunti madwar l-Ewropa, l-azzjonijiet pilota juru, jittestjaw u jiżviluppaw prattiki li jikkontribwixxu għall-kisba tal-prijoritajiet tal-Aġenda Territorjali. Dawn l-azzjonijiet jirriflettu r-rikonoxximent dejjem akbar tal-importanza tal-politiki bbażati fuq il-post billi juru kif id-dimensjoni territorjali tal-politiki reġjonali, nazzjonali u Ewropej tista' tiġi indirizzata b'mod attiv. Dawn jiffukaw fuq it-tagħlim, il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, gruppi ta' ħidma konġunti li jiżviluppaw modi 'l quddiem, jew l-implimentazzjoni. Kulħadd huwa mħeġġeġ isegwi dawn l-azzjonijiet mill-qrib, jispira ruħu u joffri proposti għal azzjonijiet ġodda. Azzjonijiet li jindirizzaw il-prijoritajiet tal-Aġenda Urbana, tal-Karta l-Ġdida ta' Leipzig u tal-Aġenda Territorjali jistgħu jsaħħu r-rabtiet bejn il-politiki urbani u territorjali.

## Koordinazzjoni

(78) L-attivitajiet tal-Aġenda Territorjali se jiġu kkoordinati b'laqgħat tad-Diretturi Ġenerali dwar il-Koeżjoni Territorjali (DGTC), imħejjija min-Network tal-Punti ta' Kuntatt tal-Koeżjoni Territorjali (NTCCP), u appoġġati mill-Grupp ta' Ħidma tal-Aġenda Territorjali (TAWG).

(79) Il-programm ta' kooperazzjoni tal-ESPON li jmiss għandu jkompli jsaħħaħ l-appoġġ u l-konsultazzjoni għall-proċess ta' implimentazzjoni u għall-Presidenzi tal-Kunsill tal-UE, eż. permezz ta' attivitajiet ta' monitoraġġ u komunikazzjoni ffukata ta' evidenza u għarfien relatati mal-Aġenda Territorjali 2030.

(80) L-attivitajiet ta' koordinazzjoni tal-Aġenda Territorjali 2030 se

- jagħmlu mill-aħjar biex jiżguraw li l-attivitajiet u l-azzjonijiet pilota jkunu trasparenti, jkunu mfassla flimkien ma' (rappreżentanti ta') l-Istati Membri, l-atturi subnazzjonali u l-Kummissjoni Ewropea, u jkunu appoġġjati minnhom, filwaqt li jsaħħu b'mod reċiproku u jħallu impatt ottimali fuq it-tfassil tal-politika tal-UE u nazzjonali;

- jirrevedu regolarment il-progress dwar l-implimentazzjoni u l-azzjonijiet pilota; u
- jikkomunikaw l-objettivi u l-prijoritajiet tal-Aġenda Territorjali kif ukoll progress fl-implimentazzjoni lill-atturi fil-livell subnazzjonali, nazzjonali u Ewropew.

## Segwitu

(81) Il-Presidenzi li ġejjin tal-Kunsill tal-UE huma mitluba jsegwu l-Aġenda Territorjali 2030 u jkomplu jsaħħu l-komunikazzjoni, l-applikazzjoni u l-governanza tagħha:

(82) **Il-Komunikazzjoni** dwar il-progress fl-applikazzjoni tal-Aġenda Territorjali u fl-immarkar tal-25 u t-30 anniversarju tal-Iskema għall-Iżvilupp tal-Ispazju Ewropew (1999) fl-2024 u fl-2029 u l-20 anniversarju tal-Aġenda Territorjali (2007) fl-2027.

(83) **L-applikazzjoni** tal-Aġenda Territorjali inkluża diskussjoni dwar il-progress, inklużi azzjonijiet pilota.

(84) **Governanza** b'enfasi fuq rendikont fl-2024 inkluż rieżami tas-sistema ta' governanza, il-progress fl-implimentazzjoni u r-rilevanza tal-prijoritajiet. Dan se jsir fid-dawl tat-tħejjijiet għall-Politika ta' Koeżjoni tal-UE wara l-2027. Il-Presidenza tal-Kunsill tal-UE fl-ewwel nofs tal-2025 hija mistiedna torganizza laqgħa ministerjali informali, li tinforma b'deċiżjoni dwar tiġdid possibbli tal-Aġenda Territorjali 2030.

territorialagenda.eu

#TerritorialAgenda
A future for all places